MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 451/2009

Melita Marine Ltd.
vs
International Custom Service Yachting Limited

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Melita Marine Ltd. li bih esponiet:

1. illi d-dikjarant huwa direttur tas-socjeta` attrici u jinsab debitament awtorizzat sabiex jahlef din id-dikjarazzjoni guramentata;

2. illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ tnejn u erbghin elf tmien mija u disgha u disghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€42,899.82), liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal €5,446.77 skond fattura datata 27 ta' Lulju 2007 (numru ta' referenza 654), (b) kwantu ghal €516.00 fuq fattura datata 4 ta' Marzu 2008 (numru ta' referenza 187), (c) kwantu ghal €1,890.71 fuq fattura datata 14 ta' Marzu 2008 (numru ta'

referenza 209), (d) kwantu ghal €2,063.99 fuq fattura datata 23 ta' Gunju 2008 (numru ta' referenza 513), (e) kwantu ghal €9,333.38 fuq fattura ohra datata 23 ta' Gunju 2008 (numru ta' referenza 514), (f) kwantu ghal €2,171.99 skond fattura ohra datata 23 ta' Gunju 2008 (numru ta' referenza 1160), (g) kwantu ghal €1,974.92 skond fattura datata 1 ta' Lulju 2008 (numru ta' referenza 540), (h) kwantu ghal €3,388.13 skond fattura datata 15 ta' Lulju 2008 (numru ta' referenza 579), (i) kwantu ghal €3,685.50 skond fattura datata 8 ta' Awissu 2008 (numru ta' referenza 651), (j) kwantu ghal €3,270.63 skond fattura datata 13 ta' Awissu 2008 (numru ta' referenza 670), (k) kwantu ghal €2,939.36 fuq fattura datata 19 ta' Awissu 2008 (numru ta' referenza 693), (l) kwantu ghal €2,679.60 skond fattura datata 25 ta' Awissu 2008 (numru ta' referenza 709), u (m) kwantu ghal €3,538.84 skond fattura datata 29 ta' Awissu 2008 (numru ta' referenza 726), u dan kollu in konnessjoni ma’ diversi servizzi marittimi moghtija mis-socjeta` attrici dwar bastiment bl-isem ta' "M/Y Roby" fuq inkarigu ta’ l-istess socjeta' konvenuta;

3. illi l-ammont dovut huwa dejn cert, likwidu u li ghalaq, u sa fejn jaf id-dikjarant is-socjeta` konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talba;

4. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

5. illi l-fatti hawn dikjarati d-dikjarant jaf bihom kollha personalment;

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

(1) tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tnejn u erbghin elf tmien mija u disgha u disghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€42,899.82);

(2) tiddeciedi skond it-talba, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghaxijiet mid-dati ta' hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rata

permessa mil-ligi, ilkoll kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Pierre Balzan, direttur fis-socjeta`rikorrenti, u qal li minn meta kienu ipprezentaw ir-rikors guramentat ma kien hemm ebda zviluppi u ma rcevew ebda hlasijiet. Qal li darba minnhom kienu saru diskussjonijiet b'tentattiv li forsi jhallsu pero` effettivament huma baqghu ma hallsux, ma marrux lura ghandhom u ma waslu f'ebda konkluzjoni ohra u ghalhekk kellhom jipprocedu bil-kawza.

Rat li s-socjeta` intimata debitament notifikata skond il-ligi ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tal-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk hemm lok li l-Qorti tghaddi biex tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh, u peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata l-Qorti qed tilqaghha u qed tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €42,899.82.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghaxijiet mid-dati ta' hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rata permessa mil-ligi kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------